

Brussell, 30 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0429 (COD)

---

11261/26  
ADD 1

JAI 924  
ENFOPOL 246  
CRIMORG 143  
IXIM 150  
DATAPROTECT 223  
CYBER 326  
COPEN 253  
FREMP 230  
TELECOM 361  
COMPET 894  
MI 721  
CONSOM 221  
DIGIT 185  
CODEC 1341

#### **ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL**

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online

– Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

## **I. INTRODUZZJONI**

1. L-attivitajiet ta' detezzjoni volontarja mill-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri qdew rwol siewi biex tkun possibbli l-identifikazzjoni u s-salvataġġ tal-vittmi ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Sal-20 ta' Diċembru 2020, l-ipproċessar ta' data personali mill-fornituri permezz ta' miżuri volontarji għall-iskop tal-identifikazzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u r-rapportar tiegħu u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom kien irregolat unikament bir-Regolament (UE) 2016/679<sup>1</sup>. Id-Direttiva (UE) 2018/1972<sup>2</sup>, li kellha tiġi trasposta sal-20 ta' Diċembru 2020, daħħlet lill-fornituri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58/KE<sup>3</sup> (id-"Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika"). Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali li tirrestrinġi l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi skont id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, il-fornituri għalhekk ma setgħux jibqgħu jistrieħu fuq ir-Regolament (UE) 2016/679 biex ikomplu jwettqu miżuri volontarji biex jidentifikaw u jirrapportaw l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u biex ineħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom wara l-20 ta' Diċembru 2020.

- 
- <sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.
  - <sup>2</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni), ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36–214.
  - <sup>3</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37–47.

2. Sabiex jindirizzaw din il-kwistjoni sakemm jiġi adottat qafas legali fit-tul li jindirizza l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u l-ġlieda kontri, il-koleġiżlaturi adottaw ir-Regolament (UE) 2021/1232<sup>4</sup> ("ir-Regolament Interim dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal"), li beda japplika fit-3 ta' Awwissu 2021 u ppreveda deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għal ċerti fornituri fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. Ir-Regolament Interim dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal ma pprovdiex raġuni legali għall-ipproċessar ta' data personali għal dawn l-attivitajiet iżda stabbilixxa salvagwardji addizzjonali li għandhom jiġu rispettati mill-fornituri jekk ikunu jixtiequ jistrieħu fuqu.
3. Fil-11 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan ("il-qafas legali fit-tul")<sup>5</sup> li għandu l-għan li jipprovdi qafas legali fit-tul għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u l-ġlieda kontri. In-negozjati interistituzzjonali dwar dik il-proposta għadhom għaddejjin.
4. F'April 2024, ir-Regolament Interim dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal ġie emendat bir-Regolament (UE) 2024/1307<sup>6</sup>, li estenda l-perjodu ta' applikazzjoni sat-3 ta' April 2026, sakemm jiġu konklużi n-negozjati dwar il-qafas legali fit-tul.
5. Fid-19 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni pproponiet Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu biex il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament Interim dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal jiġi estiż b'sentejn ("il-proposta għal estensjoni").

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41–51.

<sup>5</sup> 9068/22.

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1307 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, ĠU L, 2024/1307, 14.5.2024.

6. L-abbozz ta' Regolament huwa bbażat fuq l-Artikoli 16(2), flimkien mal-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġislattiva ordinarja).
7. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ingħatat fil-21 ta' Jannar 2026.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew fit-28 ta' Jannar 2026<sup>7</sup>, li fih essenzjalment aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni li l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament Interim dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal jiġi estiż għal perjodu ta' sentejn sat-3 ta' April 2028.
9. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) għandu r-responsabbiltà ewlenija. Birgit Sippel (S&D, DE) inġatret rapporteur. Fil-11 ta' Marzu 2026, il-plenarja tal-Parlament Ewropew approvat mandat għal negozjati interistituzzjonali, li introduċa emendi għall-proposta tal-Kummissjoni li llimitaw b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga.
10. Wara negozjati interistituzzjonali f'żewġ trilogi (fit-12 ta' Marzu 2026 u fis-16 ta' Marzu 2026), il-koleġislaturi ma setgħux jilhqqu qbil dwar il-proposta ta' estensjoni.
11. Fis-26 ta' Marzu 2026, il-plenarja tal-Parlament Ewropew irrifjutat il-proposta għal estensjoni fl-ewwel qari<sup>8</sup>. Ir-Regolament Interim dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal għalhekk skada fit-3 ta' April 2026, bil-konsegwenza li, minn dik id-data, il-fornituri ma jistgħux jibqgħu jistrieħu fuq ir-Regolament (UE) 2016/679 biex ikomplu jwettqu miżuri volontarji biex jidentifikaw u jirrapportaw l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u biex ineħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom.

---

<sup>7</sup> 5761/26.

<sup>8</sup> 7630/26.

12. Fit-18 ta' Ġunju 2026, il-President tal-Parlament Ewropew qalet fid-diskors tagħha lill-Kunsill Ewropew li kien wasal iż-żmien li nimxu 'l quddiem bil-proposta għar-Regolament Interim dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal u li nħarsu lejn kif jista' jintlaħaq qbil politiku fit-tieni qari.
13. Fil-25 ta' Ġunju 2026, ir-rapporteur tal-Parlament Ewropew għall-fajl bagħtet ittra lill-Presidenza tal-Kunsill fejn enfasizzat in-natura temporanja tad-deroga skont ir-Regolament Interim dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal u ħeġġet lill-Kunsill jidderieġi l-isforzi għall-iżvilupp tal-qafas legali fit-tul.
14. Fis-26 ta' Ġunju 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti pprovda gwida lill-Presidenza u qabel li jipproċedi bl-adozzjoni ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bħala kwistjoni ta' urġenza.
15. Wara r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fi [,,].

## **II. RAĠUNIJET GĦALL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI**

16. Il-Kunsill jiddispijaċih li ma kienx possibbli li jintlaħaq qbil politiku mal-Parlament Ewropew dwar l-estensjoni tar-Regolament Interim dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal fl-ewwel qari. Madankollu, minħabba l-importanza li tiġi evitata lakuna legali fit-tul fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online u l-fatt li n-negozjati interistituzzjonali dwar il-qafas legali fit-tul għadhom għaddejjin, il-Kunsill iddeċieda li jadotta pożizzjoni fl-ewwel qari skont l-Artikolu 294(5) TFUE u li jikkomunikaha lill-Parlament Ewropew flimkien ma' din id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet.

17. Peress li l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu pprevediet estensjoni ta' regolament li skada u għalhekk ma jistax jerġa' jiġi estiż, il-Kunsill biġisieb jadotta t-test kollu tar-Regolament Interim skadut dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal fl-aktar verżjoni reċenti tiegħu bħala Regolament awtonomu ġdid, b'adattamenti tad-dati u tħassir ta' dispożizzjonijiet irrilevanti bit-titolu "Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online."
18. Minħabba l-importanza tal-ġlieda effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online u sakemm jiġi adottat u applikat il-qafas legali fit-tul, huwa meħtieġ li tiġi permessa deroga temporanja mill-Artikoli 5(1) u 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament. Minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari, il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkun limitat sat-3 ta' April 2028 biex jippermetti ż-żmien meħtieġ biex il-qafas legali fit-tul jiġi adottat u jidħol fis-seħħ.
19. Meta titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata, fil-ħin, iċ-ċertezza legali minħabba l-iskadenza tar-Regolament Interim dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal, huwa xieraq li jiġi previst li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.
20. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari taħdem għall-oġettiv ewlieni tal-proposta għal estensjoni tal-Kummissjoni li titkompla l-ġlieda effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online sakemm jiġi adottat u applikat il-qafas legali fit-tul.

### III. KONKLUŻJONI

21. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għandha l-għan li tagħlaq malajr il-lakuna legali li nħolqot mill-iskadenza tar-Regolament Interim dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal, billi tippermetti deroga temporanja u kundizzjonali mid-Direttiva 2002/58/KE ta' ċerti miżuri volontarji għall-identifikazzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li tiżgura li dawn il-miżuri volontarji li jittieħdu għall-protezzjoni tat-tfal online jkunu jistgħu jkomplu sakemm jiġi implimentat qafas fit-tul għal protezzjoni bħal din.
-